*GħSL speech delivered by IM on 03.05.2024, at Arts Lecture Theatre, University of Malta, on the occasion of the double book launch 'Notes on Succession Law' and 'Essays in Family Law'*

Għeżież Imħallfin, Professuri, Kollegi, Studenti

Din id-darba antiċipajt u ppreparajt erba' kelmiet bil-Malti. Veru li l-kotba huma bl-Ingliż, veru wkoll li din il-ġimgħa kont qed inkellem studenta tal-Erasmus u qaltli li batiet għaliex il-lecturers jaqilbu għall-Malti u jinsewhom lill-barranin, imma hija verita' wkoll li meta toħorġu fid-dinja tax-xogħol, hawn Malta l-lingwa li nużaw ġeneralment hija l-lingwa Maltija u allura tajjeb li nitgħallmu minn issa kif nikkonunikaw fuq livell professjonali, fil-lingwa tagħna. Mil-banda l-oħra naqbel li l-kotba jiġu ppubblikati bl-Ingliż għaliex b'hekk inżidu fir-*readership* tagħna.  Ngħid għalija, meta nżur akkademiċi barra minn Malta, jew jiġu huma jżuruna Malta, inħobb intihom xi kotba miktuba minna, u naf li dawn japprezzawhom għaliex ikunu jistgħu jaqrawhom, kif ukoll għaliex ikollhom aċċess għal materjal dwar Malta bl-Ingliż (importanti peress li fost affarijiet oħra ma jistgħux jaqraw is-sentenzi tal-qrati tagħna peres li dawn huma bil-Malta – s'intendi minix nikkunsidra t-teknoloġija għaliex illum faċli naqilbu t-test għal lingwa oħra).

Niġi għall-*event* tall-lum. Tassew inħossni onorat tal-istedina. U, rrid inżid, impressjonat. Għaliex naf li llum għandkomm 'double book launch' u l-ġimgħa d-dieħla għandkomm il-launch tad-*Dritt* ukoll. Proset tassew. Tal-attiviżmu, tal-entużjażmu wkoll. Dawn l-aħħar snin kellna studenti partikolari li lill-għaqdiet għamlulhom ġieh u tellgħuhom livell ieħor; issa waslu biex jiggradwaw, hemm minnhom fil-fatt iggradwaw diġa, imma naf li li l-entużjażmu, il-grinta, għaddewha lil ta' warajhom u allura x-xogħol jibqa' għaddej. Mil-parti tagħna l-akkademiċi, nappoġġjawkom kemm nistgħu.

Grazzi ukoll lil Dr Borg Costanzi, ta' xogħolu, talli sab il-ħin biex jipproduċi in-*Notes on the Law of Succession.* Bħal ma tafu Dr Borg Costanzi huwa tassew iddedikat, u minix sorpriż li ħa l-introjtu biex jipproduċi din il-pubblikazzjoni, primarjament għalikom l-istudenti, u t-tieni m'għandix dubju, għall-professjonisti li jipprattikaw f'dan il-qasam biex ma nsemmux il-ġudikatura. Tassew nammira lil Dr Borg Costanzi, li jlaħħaq mal-universita, mal-prattika u jsib il-ħin ukoll biex jirriċerka u jippubblika. Proset ukoll lil min ġietu l-ideja li jinvolvih għaliex verament sibtu l-persuna idoneja għal din il-biċċa xogħol: il-liġi tas-suċċessjoni mhux qraha u studjaha, imma għexha professjonalment u allura huwa l-persuna idoneja biex jikteb dwarha.

Il-kitba toħodlok ħafna ħin, imma nassigurakom li l-ebda kittieb ma jiddispjaċih, għaliex huwa *task* rewarding ħafna. Ngħid għalija, jien

nipprova nagħmel siegħa kuljum fuq ir-riċerka tiegħi, mhux dejjem jirnexxieli imma nikkalkula li siegħa kuljum, seba' siegħat fil-ġimgħa ntella xogħol. Dan nagħmlu għaliex minix kapaċi nwarrab ġurnata, lanqas ofs ta' nhar fil-ġimgħa għar-riċerka. Minħabba f'hekk għamilt żmien twil ma nirriċerka xejn għaliex bqajt nittama li jkolli ċans u ma kellix. Umbad ippruvajt din is-sistema ta' siegħa kuljum, u rnexxiet. Vera li wara siegħa ma nkunx irrid nieqaf imma nieqaf ikolli! Umbad meta nkun kważi lest, ovvjament niddedika aktar ħin biex intajjar kollox. Importanti li nsibu l-ħin għar-riċerka.

Lill-istudenti kollha ngħidilhom: ixtru l-kotba u d-*Dritt* ukoll, kemm għaliex l-għerf qatt m'hu mitluf, u anke jekk ma taqrawhomx minn qoxra sa qoxra, qatt ma tafu 'l quddiem x'tiġu bżonn, speċjalment 'l quddiem meta tiġu biex tippratikaw il-professjoni tagħkom. Ixtru l-kotba wkoll sabiex tappoġġjaw lil min investa tant ħin u sforz fil-produzzjoni ta' dawn il-pubblikazzjonijiet. Ħalli tagħmlulom kuraġġ, biex ikomplu jipproduċu u sabiex ħaddiehor jitħajjar ukoll.

Tħajru iktbu intkom ukoll. Kulħadd għandu bżonn ikompli jirriċerka u dan għaliex il-professjoni legali ma tħaddimhiex minn dak li tgħallimtu waqt il-*lectures*. Il-liġi hija ħajja u tibqa tevolvi, u aħna kollha rridu nibqgħu aġġornati. Tistgħu taqraw biss, imma tajjeb li tiktbu u tippubblikaw ukoll. Apparti s-sodisfazzjon li taraw xogħolkom ippubblikat, nassigurakom li mill-pubblikazzjonijiet tagħmlu n-*name*

tagħkom. Intikom eżempju: min jaf kemm hawn esperti fil-*Company Law*, imma min jiġi f'moħħkom l-ewwel? Dik il-persuna li pproduċiet tliet volumi dwar il-*Company Law,* liema volumi jiġu l-ħin kollu kkwotati mil-qrati maltin. U n-*name* hija kollox fil-professjoni legali. Ovvjament in-*name* mhux mil-pubblikazzjonijiet biss tagħmluha, imma din tgħinkom ħafna wkoll.

Nirringrazzja wkoll apparti lil Dr Borg Costanzi u lill-GhSL tal-isforzi tagħhom, lil kull min kkontribwixxa lejn il-ktieb lieħor *Essays in Family Law*. Jien ħadt pjaċir ħafna nisma lil Dr Borg Costanzi jiddikjara li qiegħed jipprepara volumi oħra fl-istess suġġett. L-*Essays in Family Law* jien ingħatajt *advance copy* biex nikteb il-*Foreword* tiegħu. Hija inizjattiva tajba ħafna, imma mhux biżżejjed. Dan minix ngħidu bi kritika la lejn l-GħSL u lanqas lejn min ikkontribwixxa, min kiteb *essay* mill-kollezzjoni. Qiegħed nimmira kliemi lejn dawk kollha li għad iridu jagħtu l-kontribut tagħhom. Tant hemm x'wieħed jgħid u jikteb fejn tidħol il-Liġi tal-Familja, illi bil-kowoperazzjoni u bir-rieda tajba tal-esperti kemm prattikanti kif ukoll akkademiċi, l-*Essays in Family Law* kapaċi minn ktieb wieħed isir sett volumi jew enċiklopedija fil-liġi tal-familja.

Importanti li l-għerf u l-esperjenza naqsmuhom, kemm fil-*lectures* kif ukoll permezz tal-kitba tagħna. Għamilna avvanzi kbar: meta jien kont student konna ngħidu 'mhawnx kotba lokali' u veru li l-

pubblikzzjonijiet dak iż-żmien kont tgħoddhom fuq il-ponot ta subgħajk (Wallace Gulia *Governmental Liability* 1972, Prof Cremona *Constitutional History*, Mamo Notes, Caruana Galizia Notes u Micallef Notes – għodejthom fuq id waħda!). Illum, is-sitwazzjoni nbidlet, biss biss apparti din id-*double book launch* ix-xhar li għadda kellna tliet book launches (David Fabri, Antoine Grima u Omar Grech), u jekk tħarsu lejn il-vetrina fil-Fakulta tagħna taraw kemm hemm kotba miktuba minn nies membri tal-Fakulta'. Apparti l-kotba li toħorġu intkom l-għaqdiet. U naf li ġejjin aktar kotba f'oqsma differenti (naf b' erbgħa oħra li se jiġu ppubblikati fix-xhur li ġejjin) u b'sodisfazzjon ninnota li l-għerf qiegħed jitkattar kontinwament. Meta l-għerf jitkattar, il-livell tal-professjoni legali togħla, u ta' dan għandu kulħadd ikun kburi.

Grazzi ħafna.

Ivan Mifsud, Dekan, Fakulta tal-Liġi, Universita' ta' Malta

03.05.2024